Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Numru. 1260/2011

**Pulizija**
**(Spettur Stephen Micallef)**

**vs**

**Melvin Fenech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Melvin Fenech ta' 24 sena bin Anthony u Vincenza nee' Scicluna, imwieled Pieta' fl-24 ta' Novembru 1986 u residenti 19, Triq Misrah Suffara, Dingli u detentur tal-karta tal-identita' numru 537486(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-13 ta' Novembru 2011, ghal habta tas-06:30 p.m. f'Ta' Santa Katerina limiti tar-Rabat, volontarjament bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta

bidu ghal esekuzzjoni sabiex jikkaguna feriti fuq il-persuni ta’ PS 1330 A. Schembri, PC 433 R. Mallia, PC 1364 C.Vella, PC 127 C.Agius u PC 1209 E.Grima, membri tal-Korp tal-Pulizija, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipedenti mill-volonta’ tieghu, u dan billi saq vettura LXU 001 fid-direzzjoni tal-ufficjali tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikli 41 u 216 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew b’ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti u cioe’ fuq il-persuni tal-istess membri tal-Korp tal-Pulizija, ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija bi ksur tal-Artiklu 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura LXU 001 b’manjiera perikoluza u negligenti u dan bi ksur tal-Artiklu 15 (1)(a) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’dawn il-gzejjer nhar il-Hadd it-13 ta’ Novembru 2011, wara 01:00p.m., waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-Ghasafar, bhala l-persuna licenzjata biex ikollu fil-pussess tieghu arma tan-nar, naqas li josserva il-kundizzjonijiet tal-licenzja moghtija lilui meta ma zammx l-arma tan-nar Beretta S/N: E-00300/03 kif ukoll munizzjon li jikkonsisti f’mija u sittax (116)-il skartocc, fil-post fejn huwa licenzjat li jzomm din l-arma bi ksur tar-regolament 27(1) tal-Att dwar l-Armi, Kapitlu 480.

F’dawn il-gzejjer nhar il-Hadd it-13 ta’ Novembru 2011, wara 01.00p.m., waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-Ghasafar, bhala l-persuna licenzjata, abbanduna u ma zammx fil-kustodja tieghu b’tali mod li ma jigix f’idejn haddiehor l-arma tan-nar Beretta S/N: E-00300/03 kif ukoll munizzjon li jikkonsisti f’mija u sittax (116) il-skartocc u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artiklu 47(1) tal-Att dwar l-Armi Kapitlu 480.

F’dawn il-gzejjer nhar il-Hadd it-13 ta’ Novembru 2011, wara s-01.00p.m., waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, kien jinsab fil-miftuh fil-kampanja sew jekk fuq art tieghu sew jekk fuq art ta’ xi persuna ohra, jew ukoll barra minn dik l-art, iggorr arma tan-nar Beretta S/N: E-00300/03 kif ukoll munizzjon li jikkonsisti f’mija u sittax (116)-il skartocc, ghat-tehid tal-kacca u dan bi ksur tar-regolament 15 ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat. (L.S. 504.71)

F’dawn il-gzejjer nhar il-Hadd it-13 ta’ Novembru 2011, wara s-01:00p.m., biegh, offra ghal bejgh, esebixxaa ghal bejgh, uza jew zamm apparat elettriku jew elettroniku, ghat-tisfir irrekordjat minn qabel ta’ ghasafar, li kien flimkien ma hwejjeg relatati ma kacca jew insib, li l-uzu taghhom huwa ipprojbit taht is-sub-regolament (1)(d) tar-regolament 7 ta’ l-A.L. 79 TA’ 2006 hekk kif emendat. (L.S. 504.71)

Sar recidiv bi tlett sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati moghtija nhar is-17 ta’ Ottubru 2006, nhar il-5 ta’ Dicembru 2007 u nhar it-3 ta’ Dicembru 2008, moghtija mill Magistrat Dr. A.J.Vella LLD, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex minbarra l-piena taht regolament 27 ta’ A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti u s-sospensjoni ta’ kull licenzja jew permess mahruga tar-regolamenti ta’ l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi u that it-taqsima XV tal-Kodici tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 49(2) ta’ l-A.L. 311 ta’ l-2006 hekk kif emendat, tordna il-konfiska tal-Corpus Delicti u bis-sahha tar-regolament 49(7) tordna l-iskwalifika miz-zamma jew l-akkwist ta’ xi licenzja, permess jew awtorita’ mahruga taht l-istess regolamenti ghal zmien mhux inqas minn sena.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra li taghti l-piena tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti u cioe vettura LXU 001 tal-ghamla Land Rover Freelander.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kas ta' htija tiskwalifika lill imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Novembru 2011 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarilu fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci li taw ghal dan il-kaz huma li Pulizija tal-Iskwadra tal-ALE kienu qieghdin jaghmlu ronda fin-naha tar-Rabat nhar it-13 ta' Novembru 2011 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija. Waqt li kienu ghaddejjin minn triq fir-raba' lemhu vettura li kienet qieghda warajhom. Huma tefghu fil-genb halli l-istess vettura tghaddi izda minflok is-sewwieq tefa' d-dawl u baqa' warajhom. Meta raw hekk il-Pulizija regghu mxew u waqfu u din il-vettura regghet ghamlet l-istess. Huma baqghu isuqu sakemm lemhu sqaq dahlu fih u hargu biex iwaqfu din il-vettura. Huma xeghlu t-torches taghhom u ghamlu sinjal sabiex is-sewwieq tal-vettura jieqaf izda dan baqa' ghaddej bla dawl minn bejniethom. Meta raw hekk il-Pulizija saqu ghal warajh u hadu n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li kien LXU001 u sabu li din kienet tappartjeni lill-imputat Melvin Fenech. Meta huma imbaghad marru fl-indirizz li kellhom

tal-imputat gewwa Had Dingli raw din il-vettura pparkjata quddiem ir-residenza tal-imputat. Huma habtu fir-residenza ta' Melvin Fenech izda dan ma fethax. Innutaw li din il-vettura tal-ghamla Landrover Freelander ma kinitx imsakkra u dak il-hin hareg l-imputat mid-dar tieghu u l-Pulizija ghamlu tfittxija fil-vettura u sabu diversi oggetti relatati mal-kacca inkluz senter tal-ghamla Beretta, skratac, bird callers, torch u battery. L-imputat gie arrestat u ttiehed lejn il-Kwartieri tal-Pulizija ghal aktar investigazzjoni. Huwa gie interrogat mill-Ispettur Stephen Micallef fejn l-imputat irrilaxxja stqarrija. L-imputat ghazel li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu. Fl-istess stqarrija tieghu huwa qal li gharaf il-vettura li kienet tal-ALE u saq warajha pero' ma tax spjegazzjoni ghala tefa' d-dawl tal-vettura tieghu dak il-hin. Huwa nnega li prova jtajjar il-Pulizija pero' ammetta li l-Pulizija ghamlu sinjal bit-torches izda huwa baqa' sejjer biex jahrab minnhom.

F'dawn il-proceduri xehed PC 1209 Edmond Grima (a fol 42) fejn qal li huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u stazzjonat mal-ALE u spjega li fit-13 ta' Novembru 2011 kien qieghed patrol fi triq fir-raba' gewwa r-Rabat ma membri ohra tal-Pulizija fejn huma ndunaw li kien hemm vettura warajhom bin-numru LXU 001 tal-ghamla Freelander. Huwa kompla jghid li pruvaw ihallu din il-vettura tghaddi izda dejjem baqghet warajhom. Huma dahlu gewwa sqaq ghaliex iddecidew li jwaqqfu din il-vettura. Huma xeghlu t-torches li kellhom biex jaghmlu sinjal halli l-karozza tieqaf. Huwa qal li din il-vettura baqghet ghaddejja minn bejniethom. Huma dahlu u mxew ghal wara din il-karozza fejn hadu n-numru taghha u sabu ta' min kienet. Dak il-hin waslu fuq il-post fejn joqghod l-imputat u raw din il-vettura pparkjata u ma kienitx maghluqa. Habtu mal-bieb tad-dar u ftit wara hareg l-imputat. Meta ghamlu tfittxija fil-vettura sabu senter tal-ghamla Beretta bin-numru serjali E00300103, skratac, zewg bird callers, torch, cintorin bi skratac, erba' decoys u battery. Dan ix-xhud kompla jghid li meta pruvaw ihallu din il-vettura tghaddi din minflok qabzithom tfiet id-dawl u bidet tieqaf warajhom. Huma ghalhekk dahlu fi sqaq u meta pruvaw iwaqfu lis-sewweiq dan xeghel id-dawl tal-karozza u saq minn bejniethom u zied il-velocita. Huwa

kompla jghid li l-wisgha ta’ din it-triq hija li tghaddi karozza wahda u qal li l-gurnata kienet il-Hadd u l-istagun tal-kacca dakinhar ikun maghluq sas-siegha ta’ wara nofsinnhar. Il-hin ta’ din l-incident kien sehh fis-sitta ta’ filghaxija.

Xehed ukoll PS 1330 Alexander Schembri (a fol 46) fejn qal li fit-13 ta’ Novembru 2011 fil-gurnata tal-Hadd ghall-habta tas-sitta u kwart ta’ filghaxija kien flimkien ma’ membri ohra tal-Korp tal-Pulizija u kienu sejrin fid-direzzjoni tal-Fiddien. Kif waslu hdejn il-Knisja ta’ San Duminku indunaw li kien hemm vettura warajhom u x-xufier tal-vettura tal-Pulizija beda’ jitfa’ fil-gemb tat-triq sabiex il-vettura tghaddi. Kif ghamlu hekk din il-vettura tfiet id-dawl u zammet lura. Huma pruvaw jieqfu xi tlett darbiet biex ihalluh jghaddi izda s-sewwieq dejjem baqa’ warajhom. Il-Pulizija tal-ALE dahlu gewwa sqaq u nizlu biex jaraw din il-vettura ghalfejn kienet qieghda ssuq warajhom. Kif nizlu semghu din il-vettura gejja fid-dlam u qeghda tinstaq minghajr dawl fid-direzzjoni taghhom. Huma ghalhekk xeghelu t-torches biex iwaqqfu l-vettura izda s-sewwieq ghafas il-gas u baqa’ ghaddej. Skond dan ix-xhud li kieku l-Pulizija ma warbux il-vettura l-ohra kienet tghaddi minn fuqhom. Huwa jghid li huma hadu n-numru tal-vettura li kienet Landrover Freelander bin-numru ta’ registrazzjoni LXU 001 u wara skoprew li din il-vettura kienet registrata fuq l-imputat Melvin Fenech. Huma saqu lejn Had Dingli fl-indirizz ta’ fejn kien joqghod l-imputat u raw din il-vettura pparkjata quddiem ir-residenza. Il-vettura ma kinitx imsakkra. Meta habtu fetah l-imputat Melvin Fenech u wara li saret tfittxija fil-vettura instab senter tal-kacca tal-marka Beretta, skratac, zewg bird callers, torch bil-battery li jehel mal-kanna senter, decoys u cinturin bl-iskratac li gew esebiti formalment. Ricevuta ta’ dawn l-oggetti hija esebita a fol 51.

Meta xehed PC 433 Rudolph Mallia (a fol 54) dan qal li fit-13 ta’ Novembru 2011 waqt li kien patrol innota vettura li kienet qieghda issuq warajhom. Huma dahlu lejn in-naha ta’ Santa Katerina ghal Wied tal-Fiddien u din il-vettura baqghet issuq warajhom u meta bdew jieqfu il-vettura bdiet tnaqqas il-velocita u titfi d-dawl. Meta saqu ftit aktar

‘l fuq dahlu gewwa sqaq u nizlu mill-vettura biex iwaqqfu lil din il-vettura. Kif hargu din il-vettura giet ghal fuqhom u s-sewwieq kompla jaghfas il-gas u telaq minn fuq il-post. Huma dahlu fil-vettura u hadu notament tan-number plate tal-vettura u sabu li din kient registrata f’isem certu Melvin Fenech u cioe l-imputat fil-kawza odjerna. Meta huma marru fl-indirizz fejn joqghod l-imputat raw din il-vettura pparkjata quddiem ir-residenza u meta habtu mal-bieb ma fetah hadd. Meta pruvaw jifthu din il-vettura sabu li ma kinitx maghluqa u dak il-hin hareg l-imputat mir-residenza tieghu. Meta ghamlu tfittxija f’din il-vettura sabu senter, bird callers, skratacc, torch u cintorin. Dan kien ghal habta tas-sitta u nofs u dak iz-zmien l-istagun tal-kacca kien maghluq. Dan ix-xhud zied jghid huma kienu f’nofs it-triq meta waqfu u pruvaw jaghmlu sinjal lil dik il-vettura sabiex tieqaf. Peress li t-triq mhux wiesgha hafna u s-sewwieq rahom fit-triq dan saq ghal fuqhom u huma kellhom jersqu fil-genb tat-triq u l-vettura kienet ser ittajjar lil PC 1364.

F’dawn il-proceduri xehed ukoll PC 127 Clyde Agius (a fol 59) fejn dan qal li fit-13 ta’ Novembru 2011 waqt li kien patrol flimkien ma Pulizija ohra tal-ALE innota vettura li kienet qed tinstaq warajhom. Huma pruvaw jieqfu halli din il-vettura tghaddi u meta bdew jieqfu s-sewwieq tal-vettura l-ohra beda’ jitfi d-dawl. Meta dahlu fl-ewwel sqaq li sabu raw il-vettura gejja lejhom bid-dawl mitfi u ghamlulu sinjal biex jieqaf u dan ghadda minn bejniethom. Peress li kellhom in-numru tal-vettura li baqghet sejra marru fl-indirizz ta’ fejn joqghod u raw din il-vettura pparkjata u li kienet ta’ certu Melvin Fenech li huwa l-imputat. Meta ghamlu tfittxija f’din il-vettura sabu senter, bird callers, skratacc, torch u cintorin. Dan kien il-Hadd wara s-siegha ta’ wara nofsinnhar minhabba li dak il-hin ikun stagun maghluq.

Ikkunsidrat

Rigward l-akkuza dwar t-tentattiv tal-offiza gravi fuq il-persuna jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara.

*"Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dan jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

*"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law),*

Izda imbaghad izid

*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

*"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) Jghid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesion gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo."*

U ikkonkludiet:

*"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent*

*kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."*

Illi maghmul dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dana il-kaz tistax tirrizulta htija ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravissima l-Prosekuzzjoni jehtigilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma. Issa kif diga inghad l-uniku prova li hemm fl-atti li titfa' dawl fuq id-dinamika ta' dana l-incident hija l-istqarrija rilaxxjata mil-imputat kif ukoll dak li qalu l-Pulizija fix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri. Illi ghandu jinghad li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jidher li kien hemm divergenzi bejn ix-xhieda ta' x'gara ezatt. Hija rilevanti x-xhieda ta' PC 1209 Edmond Grima (a fol 43) li qal li meta huma hargu fit-triq u ghamlu sinjal sabiex il-vettura tieqaf, l-imputat baqa' ghaddej minn bejniethom. Meta dan ix-xhud rega' gie mistoqsi dwar din il-kwistjoni (a fol 40) huwa qal b'mod car

"*Ghalhekk ahna ddecidejna li nieqfu u l-ewwel sqaq li sibna dhalna fih, inzilna mill-vettura taghna u x'hin morna biex inwaqqfuh xghelna it-torches u dak il-hin il-vettura xeghlet id-dawl u ghaddiet minn bejnietna*."
L-istess qal PC 127 Clyde Agius (a fol 60) fejn qal:
"*Dan flok waqaf saq minn bejnietna*"
Waqt li PC 433 Rudolph Mallia qal (a fol 55) li
"*Hrigna u kif giet din il-vettura fuqna u din kompliet taghfas il-gas u dhalna gol-vettura taghna u soqna ghal wara din il-vettura.*"

U kompla jghid (a fol 57)
*“Hrigna ghal nofs tat-triq ahna li kwazi ghalaqnilu t-triq ghax it-triq mhix wiesa. Kif ra hekk saq b’iktar velocita u ahna ersaqna fil-genb pero kien ser itajjar lil PC 1364”*
Waqt li PS 1330 Alexander Schembri (a fol 47) qal:
“*Konna xghelna it-torches taghna u ghamilnilu sinjal biex jieqaf izda din il-vettura ziedet il-gas u kienet baqghet ghaddejja minn fejn konna ahna. Fil-fatt li kieku ma warrabniex min-nofs, din il-vettura kienet tghaddi minn fuqna”*

Illi jirrizulta b’mod car li l-imputat minflok prova jieqaf meta ra l-Pulizija qed jaghmlulu sinjal sabiex jieqaf zied il-velocita sabiex jahrab minn fuq il-post. Ghandu jinghad li fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat qal li hu kien jaf li min kien qed jipprova jwaqqfu kienu membri tal-ALE u ghalhekk ma setax jghid li ma jafx min kienu fil-mument li hargu fin-nofs u ghamlu sinjal bit-torches halli jieqaf. Huwa stess qal li kien qieghed isuq bid-dawl mitfi pero qal ukoll li fil-mument li rahom hu saq ghaliex ried jahrab minnhom. Illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma telghetx lil PC 1364 jixhed f’dawn il-proceduri johrog bic-car mix-xhieda ta’ PS 1330 Alexander Schembri li li kieku ma warbux min-nofs kien jolqothom. L-imputat izda qal li huwa ma kellu ebda ntenzjoni li jolqot lil xi hadd minn dawn il-Pulizija. Mix-xhieda stess li taw il-Pulizija jirrizulta li t-triq de quo mhux wahda wiesgha u tghaddi biss karozza wahda. Jidher ukoll li hadd mix-xhieda ma qal li l-imputat ghamel xi manuvra li kienet tindika li l-imputat prova jtajjar lill-Pulizija izda jirrizulta li dan saq dritt fid-direzzjoni li huwa kien ghaddej. Illi ghalhekk minn dawn il-provi, l-Qorti ma tista’ qatt tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika illi jikkaguna xi ferita gravi fuq il-Pulizija.

Rigward it-tieni(2) imputazzjoni mix-xhieda tal-Pulizija li kienu fuq il-post ma jirrizultax li l-imputat offra xi forma ta’ resistenza bi vjolenza jew li hebb ghal Pulizija u ghalhekk huwa ma jistghax jinstab hati ta din l-imputazzjoni.

Rigward it-tielet(3) imputazzjoni jidher b'mod car li l-Pulizija ghamlu sinjal sabiex l-imputat jieqaf izda dan baqa' sejjer. Anki mill-istess stqarrija tieghu jidher li kien jaf li l-Pulizija ghamlulu sinjal sabiex jieqaf izda dan ma obdiex lil Pulizija u baqa' sejjer u ghalhekk din l-Qorti jidrilha li t-tielet(3) imputazzjoni tirrizulta ampjament pruvata.

Rigward ir-raba'(4) imputazzjoni din il-Qorti aghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef V. Degaetano (6 ta' Mejju 1997) fejn saret distinzzjoni bejn sewqan perikoluz u dak traskurat fejn l-imsemmija l-Qorti qalet:-

"**Sewqan traskurat** (*negligent driving)* hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.[...] **Sewqan perikoluz** *(dangerous driving)* jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht it-tnejn jew aktar [...]. Ghal finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara ***The Police vs Charlotte Chamberlain,* Appell Kriminali, 21/5/1996)"**

Illi fil-kaz odjern u abbazi tal-principji appena citati din il-Qorti jidrilha li s-sewqan tal-imputat ghandu jitqies bhala perikoluz u negligenti ghaliex meta ra lil Pulizija f'nofs it-triq qed jaghmlulu sinjal sabiex iwaqfuh huwa baqa' ghaddej bla dawl u ma obdiex l-ordnijiet legittimi taghhom

sabiex jieqaf. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tar-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Rigward il-hames(5) imputazzjoni l-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni ma esebiet ebda dokument jew kopja tal-licenzja tal-imputat rigward is-senter. Illi din il-Qorti ghalhekk ma tistax issib htija li l-imputat b'xi mod ma osservax dawk il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' tali licenzja. Dina l-Qorti sejra ghalhekk tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Rigward is-sitt(6) imputazzjoni ghandu jinghad li meta l-Pulizija waslu fil-vicinanzi ta' fejn joqghod l-imputat dawn osservaw il-vettura tieghu wieqfa u meta pruvaw ihabbtu fid-dar tieghu u ma fetah hadd huma pruvaw jifthu l-istess vettura u raw li ma kinitx imsakkra. Kien f'dak il-mument li l-imputat fetah il-bieb u hareg mir-residenza tieghu u saret tfittxija fl-istess vettura. Illi f'din it-tfittxija nstabu l-oggetti li gew esebiti f'dawn il-proceduri u cioe' senter tal-ghamla Beretta, munizzjoni, torch bil-battery u bird callers. Illi ghalhekk jidher bic-car li hawn l-imputat zamm dawn l-oggetti b'tali mod li setghu gew f'idejn haddiehor u ghalhekk din l-Qorti qed issibu hati taht l-artikolu 47(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rigward is-seba'(7) imputazzjoni din il-Qorti jidrilha li l-imputat ma jistghax jinstab hati stante illi l-oggetti esebiti u li nstabu fil-vettura tal-imputat u cioe' l-arma, skratac u affarijiet ohra relatati mal-kacca, kienu fil-pussess tieghu gewwa l-vettura tieghu fil-hin li kien kkunsidrat stagun maghluq pero' huwa kien qieghed isuq il-karozza (Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza mill-Imhallef J. Galea Debono – Il-Pulizija vs Mark Borg).

Rigward it-tmien(8) imputazzjoni din l-Qorti ser issib lil-imputat hati taht is-sub-Regolament 7 (1) (d) tal-A.L. 79 ta' 2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71) stante li din l-imputazzjoni tirrizulta ampjament pruvata.

Il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova li l-imputat huwa recidiv u ghalhekk il-Qorti ma tistghax tapplika l-addebitu tar-recidiva fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 338(ee) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikol 47(1) u 51(8) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 7 tal-Avviz Legali 79/2006 kif emendat bl-L.S. 504.71 l-Qorti issib lill-imputat hati tat-tielet (3), tar-raba’ (4), tas-sitt (6) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ elf Ewro (€1,000) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett(3) xhur millum u b’applikazzjoni tar-Regolament 27 tal-A.L. 79/2006 u t-Taqsima XV tal-Kodici tal-Pulizija tissospendi kull licenzja jew permess mahrug f’isem l-imputat tatt ir-Regolamenti tal-2006 Dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan ghall-perijodu ta’ sena(1) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti esebiti formalment waqt l-udjenza tat-12 ta Marzu 2012 minn PS 1330 Alexander Schembri u li huma mmarkati bhala Dok. AS1 u liema oggetti huma elenkati fl-ircevuta inserita a fol. 12 tal-atti processwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------